**76. L-Onor. Godfrey Farrugia u l-Onor. Marlene Farrugia jipproponu:**

Illi b'referenza għall-Avviż Legali Numru 300 tal-2017 li jġib l-isem 'Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent (Kap. 549)' imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra fit-30 ta' Ottubru, jirriżulta li l-iskeda tal-ħin allokata għall-kaċċa u 1-insib fil-Park Naturali u l-Istorja tal-Majjistral ser tiġi miżjuda bi ksur tal-istess liġi, meta hu fatt magħruf li l-għanijiet ta' dan il-Park huma:

(a) il-konservazzjoni, l-immaniġġar u l-moniteraġġ tad-diversità bijoloġika skont kif jitolbu l-*policies* u titlob il-liġi;

(b) ir-rijabilitazzjoni ta' inħawi li juru sinjal ta' deġenerazzjoni;

(c) jitħarsu l-ispeċi tal-fawna u flora;

(d) tiġi kkontrollata kull attività li tista' tkun ta' ħsara ekoloġika;

(e) jiġu applikati miżuri li jħarsu u jinfurzaw iż-żamma tal-konservazzjoni tax-xtut u l-kosta;

(f) jingħata aktar għarfien, tagħlim u attivitajiet edukattivi;

(g) iservi bħala post rikreattiv u ta' eżerċizzju fejn wieħed igawdi l-beraħ u l-pajsaġġ.

Ninnotaw li f'din il-lokalità l-Park Nazzjonali (2.5 km kwadru) u r-Riżerva tal-Għasafar fl-Għadira (0.6 km kwadru) huma 1-uniċi żoni protetti li huma mmaniġġati u li jinstabu fil-konfini tal-lokalità tal-Mellieħa. Din il-lokalità għandha żona urbana kollettiva ta' madwar 2.14 km kwadru u żona rurali (ODZ) li hi madwar 20.46 km kwadru. F'din iż-żona rurali nsibu kampanja li hi ġawhra naturali ta' pajjiżna u li hi miftuħa u mżejna b'veduti ta' baħar salvaġġ, bajjiet imramla, xtajtiet, irdumijiet, għoljiet, widien, raba' saqwi u bagħli, xagħri u meded ta' art li ftit li xejn huma mittiefsa u li jħarsu lejn Għawdex u Kemmuna, u li fuq kollox huma inħawi li jgawdu arja friska, ħemda u jagħtu dak il-*feel-good factor* ta' identità u karattru ta' pajsaġġ rurali Malti.

Ninnotaw li dan hu 1-unika park fejn bis-saħħa tal-għanijiet imsemmija kull ċittadin jista' jgawdi esperjenza diretta u interattiva tan-natura b'mod ħieles.

Ninnotaw li fl-istess konfini ta' din il-lokalità hemm żewġ żoni, il-Miżieb u l-Aħrax tal-Mellieħa, li huma miżmuma u definiti għall-kaċċa u l-insib.

Filwaqt li ttieħed konsiderazzjoni li bl-emendi imposti b'dan l-Avviż Legali, il-ħin tal-kaċċa u l-insib ser jitwal għal ħin ferm aktar mill-10.00 ta' filgħodu, ser jagħmilha aktar diffiċli biex il-poplu Malti jkun jista' jgawdi b'mod ħieles u b'sigurtà l-Park Nazzjonali tal-Majjistral, meta dan l-istess ħin, fil-passat kien diġà estiż minn 1-ebda ħin għall-kaċċa u l-insib għal wieħed li jagħlaq fid-9.00 ta' filgħodu u aktar tard maż-żmien, kien reġa' ġie mibdul għal dak eżistenti jiġifieri fl-10.00 ta' filgħodu.

Nirrikonoxxu li naqblu mat-tradizzjoni u d-diversità tal-kultura tal-insib u 1-kaċċa tal-għasafar u 1-fenek, li filwaqt dejjem għandhom jimxu mar-regoli imposti mil-liġi, dawn l-istess emendi proposti f'dan l-Avviż Legali mhu ser jitnaqqas xejn mid-drittijiet li 1-kaċċaturi u nassaba jgawdu, filwaqt li nirrikonoxxu li l-kumplament tas-soċjetà Maltija, kif ukoll it-turisti li

jżuruna, ser jitnaqqrilhom id-dritt li jedukaw ruħhom u jgawdu dan il-park naturali u ta' storja kif wieħed jistenna.

Nosservaw il-fatt li investiment finanzjarju fil-Park biex nivalorizzawh għal skopijiet edukattivi u turistiċi ma jagħmilx iżjed sens jekk fl-aħjar xhur u ħin għaż-żjarat hemm il-preżenza tal-kaċċa u nsib.

Nosservaw li Artiklu 55(1) tal-istess liġi jeżiġi b'mod espliċitu li qabel ma jinħareġ avviż legali ta' din ix-xorta l-Ministru tal-Ambjent jew l-Awtorità tal-Ambjent jew it-tnejn li huma, għandhom isejħu konsultazzjoni pubblika qabel ma dan l-Avviż Legali jitqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.

Għaldaqstant qed jiġi mitlub biex din il-Kamra taġevola l-korretezza legali li jistabbilixxi l-istess Att u l-Ministru jieqaf milli jimponi deċiżjoni u jqis il-bon sens, l-interess komuni, l-għanijiet pubbliċi, is-sostenn ambjentali u s-saħħa u l-kuntentizza taċ-ċittadini ta' kull età.

**L-Onor. David Agius ressaq din l-emenda:**

"Neħħi l-kliem minn "Nosservaw li Artikolu 55(1) ......" sal-kliem "taċ-ċittadini ta' kull età.", u minflok daħħal dan li ġej:

"Għaldaqstant qed jiġi mitlub li din il-Kamra taqbel li peress li ma kienx hemm qbil min-naħa tal-bord maħtur mill-istess Gvern li kien jinkludi n-Nature Trust, Gaia Foundation u Din l-Art Ħelwa u li dawn unanimament taw il-parir tagħhom kontra l-estensjoni taż-żieda fil-ħinijiet, din il-Kamra qed taqbel li tinfetaħ konsultazzjoni wiesgħa mal-partijiet kollha interessati ħalli tinstab soluzzjoni mal-partijiet kollha kkonċernati."".

**L-emenda għaddiet fis-Seduta Nru 66.**

**Il-mozzjoni, kif emendata, għaddiet fis-Seduta Nru 66 tat-Tnejn 18 ta' Diċembru 2017.**